**PARLAMENT TA' MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 159

It-Tlieta, 24 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

* **11008. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjanijiet hemm biex ikun hemm team 24/7 magħmul minn persuni mħarrġa li joħorġu jintervjenu fuq il-post meta jkun hemm persuna, li ma jkunux għadha taħt Treatment Order jew Community Treatment Order, li tkun ta' periklu għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor minħabba problema ta' saħħa mentali?

10/07/2023

* **11009. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9789, fejn saret referenza għall-Crisis Resolution Home Treatment (CRHT), jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi kriterji jridu jilħqu l-persuni biex jagħmlu użu minn dan is-servizz? Jista' jgħid jekk il-pazjent iridx ikun diġà taħt kura psikjatrika biex jagħmel użu minn dan is-servizz? Persuna li tkun għadha ma tużax is-servizzi ta' saħħa mentali u tkun qiegħda fi kriżi, tista' tagħmel użu mill-Crisis Resolution Home Treatment? Jekk iva, kif?

10/07/2023

* **11010. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ qed jirċievu l-pulizija biex ikunu jistgħu jintervjenu minnufih f'każ fejn persuna tkun ta' periklu għaliha jew għal ħaddieħor minħabba problemi ta' saħħa mentali?

10/07/2023

* 11011. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm swali ġewwa l-Isptar Mount Carmel? Kemm minn dawn is-swali huma magħluqa u mhux qed jintużaw?

10/07/2023

* 11012. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti ġewwa l-Isptar Mount Carmel bħalissa? Jista' jgħid kemm minn dawn il-pazjenti huma taħt treatment order?

10/07/2023

* 11013. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti fil-komunità taħt Community Treatment Order (CTO)?

10/07/2023

* 11261. **L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid kemm għandha impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

* 11262. **L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

* 11263. **L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

* 11264. **L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

***        11265.    L-ONOR. IVAN BARTOLO                    staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

***        11266.    L-ONOR. IVAN BARTOLO                    staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm għandha impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

***        11345.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI            staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għal mistoqsijiet parlamentari preċedenti jista' l-Ministru jgħid għala x-xogħlijiet fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, bejn Ħaż-Żabbar u l-Fgura, għadhom mhux lesti?

11/09/2023

***        11346.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI            staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10683, tista' l-Ministru tgħid jekk il-problema tal-ilma li qed jiskula fil-parti tal-Ponta tal-Isla, fejn hemm il-Każin tar-Regatta, ġietx solvuta?

11/09/2023

***        11347.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI            staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Kottoner, fil-Fgura, hix ser tiġi msewwija jew miġjuba lura għal waħda tajba?

11/09/2023

***        11348.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI            staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

***        11349.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI            staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

***    11350.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI    staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid għal liema laqgħat attendiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistennija tattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

***    11606.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG    staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'tip ta' servizzi qed jiġu offruti lill-persuni li jsibu ruħhom fi kriżi ta' saħħa mentali fejn ikunu qed jikkontemplaw suwiċidju? X'servizzi hemm għall-familji tagħhom?

28/09/2023

***    11607.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG    staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm rapporti ta' persuni li ġew traffikati?

28/09/2023

***    11608.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG    staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm tressqu persuni l-qorti akkużati bi traffikar ta' persuni?

28/09/2023

***    11609.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG    staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm massage parlours f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

28/09/2023

***    11610.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG    staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Gentlemen's Clubs f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

28/09/2023

***  11848.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11125, jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni meta l-aġġornament tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, hu maħsub li jkun komplut?

05/10/2023

***  11849.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10748, li ngħatat fis-Seduta 145 tal-10 ta' Lulju 2023, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għalfejn l-Enforcement Decisions Committee mhux kompost? Jista' jgħid x'inhi l-proċedura li qed tiġi segwita da parti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) dwar deċiżjonijiet maħruġin minnha fejn dawn jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' penalitajiet finanzjarji (irrispettivament tal-mod kif deskritti) jew ta' sanzjonijiet oħrajn?

05/10/2023

***  11850.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9950, fid-dawl tal-fatt li sussegwentement għat-tweġiba mogħtija l-qrati Maltin (ġuriżdizzjoni kostituzzjonali) xorta komplew jikkonfermaw sentenzi diġà mogħtija, bl-aktar waħda riċenti dik fl-ismijiet Dr. Roderick Caruana versus il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) et (mogħtija fit-28 ta' Settembru 2023) fejn ripetutament il-qrati preseduti minn imħallfin differenti qed iqisu li l-normi li jirregola l-poteri u l-proċeduri tal-FIAU huma anti-kostituzzjonali, jista' l-Ministru jgħid jekk tinħassx il-ħtieġa urġenti li jiġu riveduti l-liġijiet applikabbli biex tiġi indirizzata din sitwazzjoni fejn il-FIAU b'mod kontinwu qed tinsab li qed taġġixxi abbażi ta' normi li huma kontra l-Kostituzzjoni?

05/10/2023

***  11851.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għad-diversi kawżi li saru mill-2017 'il quddiem fil-qrati ġuriżdizzjoni kostituzzjonali, fejn qed jiġu kkontestati d-dispożizzjonijiet tal-liġi li allura jagħtu l-jedd lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) li din timponi penalitijiet finanzjarji *ossia* multi (irrespettivament tal-mod kif deskritti), jista' l-Ministru jgħid kemm, b'mod komprensiv, l-FIAU s'issa inkorriet fi spejjeż legali biex twieġeb għal dawn il-kawżi? Jista' jelenka separatament, fejn applikabbli, kemm il-FIAU inkorriet fi ħlasijiet lid-ditti legali *ossia* retainers biex dawn jassistuha f'dawn il-kawżi?

05/10/2023

***  11968.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid x'ħidma saret s'issa fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (EU) 2022/2065? Jista' jgħid ukoll jekk għadx jonqos li titwettaq xi ħidma oħra sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament?

06/10/2023

* **12015. L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, u f'kull każ tgħid:
(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra; u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta' kull persuna?

09/10/2023

* **12125. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9872, jista' l-Ministru jiċċara jekk din it-tweġiba tkoprix il-kunsilli lokali? Liema entitajiet huma koperti fl-istess tweġiba?

10/10/2023

* **12221. L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina "Mesalazine: Rectal" hijiex out of stock, u jispeċifika d-dati li matulhom din il-mediċina kienet out of stock fis-sena kurrenti?

11/10/2023

* **12222. L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11677, tista' l-Ministru tgħid l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) meta l-aħħar ippubblikat il-lista li fiha kienet tiġbor il-mediċini li l-prezz tagħhom kien raħas? Tista' tgħid ukoll kull kemm kienet tiġi ppublikata f'dawn l-aħħar ħames snin?

11/10/2023

* **12245. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10959, jista' l-Ministru jgħid xi preżenza tal-Forzi Armati ta' Malta u tal-LESA kien hemm fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar matul dan is-sajf u x'tip ta' interventi kienu mitluba jwettqu?

11/10/2023

* **12246. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11082 dwar tiġieġ u sriedak li nstabu mejta fix-Xemxija, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li saret?

11/10/2023

***        12254.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA                staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11905 u jagħti tagħrif dwar kemm daħlu applikazzjonijiet għall-fidi ta' ċnus skont SKEMA 19? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew proċessati u kemm hemm minnhom li għadhom qed jiġu proċessati u x'qed iżomm milli l-każijiet pendenti jitlestew?

11/10/2023

***        12255.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA                staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11906 u jagħti tagħrif dwar kemm kienet il-qatla tal-majjal, ċanga u annimali oħra fil-biċċerija tal-Gvern, bejn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b'xahar? Jista' jagħti tagħrif ukoll dwar jekk hemmx biċċeriji tal-privat awtorizzati biex jagħmlu l-qatla?

11/10/2023

***        12261.        L-ONOR. REBEKAH BORG                staqsiet lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11691 u jispjega d-dewmien mill-Awtorità tad-Djar biex isir xogħol ta' tiswija fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet li jagħmlu parti minn Binja Qlejgħa? Jista' l-Ministru jgħid meta l-Awtorità rċiviet l-ewwel rapport tal-ħsarat estensivi li hemm, u jagħti rendikont tax-xogħlijiet li jeħtieġ isiru?

12/10/2023

***        12262.        L-ONOR. REBEKAH BORG                staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8402, 9013 u 11684 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' artijiet pubbliċi li nbiegħu jew inkrew lil terzi mill-Awtorità tal-Artijiet mill-1 ta' Jannar tal-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jindika għal kull art jekk inkrietx jew inbiegħetx, permezz ta' liema proċess sar il-kiri jew il-bejgħ u lil min ingħataw, għall-artijiet li nkrew jgħid kemm hija l-kirja li titħallas fis-sena, u għall-artijiet li nbiegħu jgħid kemm kienet is-somma li l-Gvern irċieva għal tali bejgħ?

12/10/2023

***        12263.        L-ONOR. REBEKAH BORG                staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11678 u jgħid kemm ilha għaddejja l-komunikazzjoni bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tad-Djar bħala parti mill-isforzi li qegħdin isiru sabiex il-persuni li qegħdin jokkupaw il-Forti Binġemma b'mod illegali tinstabilhom akkomodazzjoni alternattiva qabel ma jiġi fis-seħħ l-iżgombru?

12/10/2023

* 12264. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11680 u jgħid jekk kienx hemm applikazzjonijiet għall-akkommodazzjoni alternattiva mill-persuni li qegħdin illegalment jokkupaw il-Forti ta' Binġemma?

12/10/2023

* 12265. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11743, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid kemm-il rapport sar dwar vetturi u dħaħen fit-toroq f'din l-aħħar sena?

12/10/2023

* 12292. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11908 jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar jekk hux qed isir tibdil fil-pjanti taċ-ċentru tas-saħħa ppjanat għall-Qawra minn kif sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar? Jekk iva, fiex jikkonsisti dan it-tibdil propost?

13/10/2023

* 12293. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid liema huma x-xogħlijiet li għalihom ħarġu t-tenders biex isir ix-xogħol mill-Malta Tourism Authority (MTA), jew minn xi entità oħra li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu għal xogħol li għandu jsir f'San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa u n-Naxxar? Jista' jgħid ukoll liema minn dawn it-tenders ġew allokati lill-kuntratturi li ser jagħmlu x-xogħol u meta hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

13/10/2023

* 12294. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11852, jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru fuq il-promenade ta' San Ġiljan bejn Jannar 2023 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/10/2023

* 12295. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11853, jista' l-Ministru jgħid:
i. liema xogħlijiet kienu ta' tisbiħ fil-promenade;
ii. liema kienu tiswijiet żgħar ta' bankini;
iii. in-numru ta' tiswijiet fuq lampi dekorattivi;
iv. l-ammont ta' lampi ġodda li twaħħlu;
v. liema kienu tiswijiet ta' bollards u ta' tabelli u jgħid ukoll f'liema triq u l-ammont; u
vi. kemm kienet in-nefqa totali f'Tas-Sliema, San Ġiljan u San Pawl il-Baħar, lokalità, lokalità?

13/10/2023

***	12296.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11854 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10822, jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-iżviluppi li l-permessi tagħhom kienu revokati jew annullati mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jgħid f'liema lokalità kienu u x'passi ttieħdu?

13/10/2023

***	12297.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11855, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Medja tal-Kamra kopja tal-ftehim legali li sar bejn l-Awtorità tal-Ippjanar (PA), l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) u l-applikant tal-permess PA3807/17?

13/10/2023

***	12298.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11858 jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid min huma l-operaturi li għandhom l-approvazzjoni tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għal iktar encroachments għal umbrelel u deckchairs ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ f'Paceville, San Ġiljan?

13/10/2023

***	12299.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11860, jista' l-Ministru jwieġeb din il-mistoqsija fl-intier tagħha billi jipprovdi lista ta' min huma dawk kollha li matul is-sajf kellhom/għandhom concession/encroachment fil-Bajja ta' Kemmuna?

13/10/2023

***	12321.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika n-numru ta' każijiet li ġew awtorizzati skont il-proċedura stabbilita għal kura barra minn Malta?

16/10/2023

***	12322.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika n-numru ta' każijiet li ġew rimborsati fl-ispejjeż skont il-proċedura stabbilita għal kura barra minn Malta?

16/10/2023

***  12323.  L-ONOR. IAN VASSALLO  staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika n-numru ta' każijiet li l-awtorizzazzjoni jew ir-rimborż tal-ispejjeż għal kura barra minn Malta, ġew miċħuda?

16/10/2023

***  12334.  L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kif isiru jew kif jintgħażlu li jsiru r-riċerka jew l-istudju neċessarju (hekk kif mistenni li qiegħed isir) sabiex wieħed jara kemm l-istudenti li joqogħdu għall-korsijiet qegħdin jieħdu l-massimu tal-kors ipprovdut?

16/10/2023

***  12335.  L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persons of trust li ġew ingaġġati fil-Ministeru tiegħu minn Frar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2023

***  12336.  L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid x'kien sar minnu l-BMI Study u l-Health Behaviour in School-aged Children (HBSC) li kien sar? Jista' jgħid ukoll min kienu l-persuni li ħadu sehem f'din ir-riċerka?

16/10/2023

***  12337.  L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema bħalissa li jgħallmu l-korsijiet tal-Lifelong Learning? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom għandhom degree mill-Università jew kwalifika simili?

16/10/2023

***  12338.  L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid jekk hijiex prassi li l-persuni li jagħmlu l-interviews għall-għażla tal-edukaturi tal-Lifelong Learning jinbidlu minn żmien għal żmien? Jista' jgħid ukoll minn min huwa kompost bħalissa l-bord li jagħmel dan?

16/10/2023

***	12353.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11629 u jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret b'rabta mas-summit tal-Med9? Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għal ħlas dwar l-imsemmi summit?

16/10/2023

***	12354.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret b'rabta mal-attività li matulha tnieda d-dokument ta' qabel il-Budget 2024 u li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023? Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għal ħlas dwar l-imsemmija attività?

16/10/2023

***	12355.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid mis-sena 2013, sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, min kienu l-persuni li servew bħala medjaturi bejn il-Gvern Malti u l-unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Air Malta? Jista' jgħid ukoll għal kull waħda minn dawn il-persuni, meta ġiet maħtura bħala medjatur, kemm damet isservi bħala medjatur u xi ħlasijiet saru lil kull persuna li serviet bħala medjatur?

16/10/2023

***	12356.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u/jew xi entità tiegħu u l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

16/10/2023

***	12357.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u/jew xi entità tiegħu u l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

16/10/2023

***	12358.	L-ONOR. KAROL AQUILINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u/jew xi entità tiegħu u l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

16/10/2023

* 12382. **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni kienu intitolati għal xi forma ta' għajnuna/benefiċċju marbuta mal-Marda tat-Tuberkulosi jew mal-Marda ta' Koch bejn is-sena 2017, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sena b'sena? Jista' wkoll jindika x'inhuma l-benefiċċji li dawn il-persuni huma intitolati għalihom?

16/10/2023

* 12383. **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid kemm ommijiet kienu intitolati għal Għotja għal Ħalib bejn is-sena 2017, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-kriterji ta' eliġibbilità u x'inhuma l-benefiċċji li dawn l-ommijiet huma intitolati għalihom?

16/10/2023

* 12384. **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jelenka l-ftehimiet reċiproki dwar is-sigurtà soċjali li għandu ma' pajjiżi oħra li permezz tagħhom il-persuni li jiċċaqilqu minn pajjiż għall-ieħor jistgħu jiksbu l-benefiċċji dovuti? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li jsiru aktar ftehimiet bħal dawn u jekk iva, ma' liema pajjiżi?

16/10/2023

* 12392. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid x'konsultazzjonijiet saru mar-residenti u mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa dwar il-proġett tas-Siċċa f'Birżebbuġa u meta? Tista' tgħid ukoll jekk sarx xi rapport dwar din il-konsultazzjoni u jekk fl-affermattiv tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/10/2023

* 12393. **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun qed jiġi ppreżentat fil-Parlament l-Abbozz ta' Liġi bit-titolu 'Att dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Anzjani Vulnerabbli u Persuni Adulti b'Diżabilità', li ħareġ għall-konsultazzjoni fis-sena 2017?

16/10/2023

* 12394. **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-anzjani li kienu jirresjedu fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla qabel ma ngħalqet, humiex se jingħataw il-fakultà li jibdew jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li ser ikun qed jinfetaħ ġewwa Bormla fil-ġimgħat li ġejjin?

16/10/2023

*     **12395.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba fil-ġimgħa ser ikun qed jinfetaħ iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li ser ikun qed jinfetaħ ġewwa Bormla fil-ġimgħat li ġejjin?

16/10/2023

*     **12403.** **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11620 u jgħid fid-dawl li bdiet sena skolastika ġdida u kien hemm bosta lmenti dwar l-istat ħażin li tinsab fih l-iskola primarja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, li ilu jingħad li beda x-xogħol fuq din l-iskola, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol li sar fuq din l-iskola u d-dettalji tat-timeframes dwar ix-xogħlijiet, u meta effettivament għandu jispiċċa dan ix-xogħol?

16/10/2023

*     **12425.** **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11164 u 11909 u jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

17/10/2023

*     **12428.** **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11750, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, u jgħid kemm mir-rapporti kollha li saru lid-Dipartiment tas-Sanità f'din l-aħħar sena dwar irwejjaħ u ntejjen, ġew riżolti f'kull lokalità rispettivament?

17/10/2023

*     **12429.** **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11749, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, u jgħid kemm-il rapport sar lid-Dipartiment tas-Sanità f'din l-aħħar sena dwar irwejjaħ u ntejjen, u f'liema lokalitajiet kienu?

17/10/2023

*     **12473.** **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti biex sistemi fotovoltajiċi jiġu mqabbda mal-grid tal-Enemalta fil-ġurnata li fiha tkun qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll il-qies ta' kull waħda minn dawn is-sistemi f'kWh u d-dati meta daħlu l-applikazzjonijiet?

17/10/2023

***	12474.	L-ONOR. STANLEY ZAMMIT	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11816 u jippreżenta pjanta tal-grawnd tal-futbol ta' Ħal Għaxaq li turi liema huma l-partijiet tal-grawnd li huma tal-privat?

17/10/2023

***	12475.	L-ONOR. STANLEY ZAMMIT	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11946, fejn id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa wieġeb "Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11773", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti li huma rreġistrati fis-sistema imma għad ma għandhomx data ta' meta ser issirilhom l-operazzjoni tal-hip replacement, fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/10/2023

***	12476.	L-ONOR. STANLEY ZAMMIT	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11947, fejn id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa wieġeb "illi l-prassi ta' dan id-dipartiment hi li l-pazjent jiġi infurmat bid-data ftit jiem qabel l-operazzjoni", jista' Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti li huma rreġistrati fis-sistema u li għandhom data ta' meta ser issir l-operazzjoni, tal-hip replacement, fil-ġurnata li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/10/2023

***	12477.	L-ONOR. STANLEY ZAMMIT	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11948, fejn id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa wieġeb "illi operazzjonijiet tal-hip replacement isiru madwar 20 kull xahar", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippreżenta skeda li turi kemm ser isiru operazzjonijiet tal-hip replacement, ġurnata b'ġurnata, mill-ġurnata li fiha tkun qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari l'quddiem, fuq il-Mejda tal-Kamra?

17/10/2023

***	12480.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti flimkien ma' renders relatati mal-proġett ta' Project Green, f'San Ġwann?

17/10/2023

* 12481. **L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li hemm dwar manutenzjoni taż-żona quddiem l-Isptar San Luqa f'Tal-Pieta?

17/10/2023

* 12482. **L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk irċeviex xi korrispondenza fir-rigward tal-istatus tal-Belt Valletta bħala UNESCO World Heritage, u f'każ li iva, jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tali dokumentazzjoni?

17/10/2023

* 12521. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11829, tista' l-Ministru taqsam l-ammont ta' gass LNG li nxtara mill-Enemalta għal kull sitt xhur, u ċjoè minn Novembru 2021 sa April 2022, Mejju 2022 sa Ottubru 2022, Novembru 2023 sa April 2023 u Mejju 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi l-prezz tan-nefqa totali?

18/10/2023

* 12539. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12277 u jgħid jekk l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) bdietx topera, u jekk iva jgħid:
a. minn fejn qiegħda topera;
b. kemm hu l-budget tagħha; u
ċ. kemm għandha impjegati magħha u f'liema skali u pożizzjonijiet?

19/10/2023

* 12540. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn ġenituri u residenti dwar in-nuqqas ta' gwardjani lokali jew uffiċjali oħrajn fil-ħin tal-lezzjonijiet tal-mużew fi Triq Santa Katerina, Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid jekk hux possibbli li jerġa' jkun hemm gwardjani lokali jew uffiċjali oħrajn responsabbli mit-traffiku f'dan il-ħin, biex jiġu evitati inċidenti?

19/10/2023

* 12541. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn ġenituri u residenti dwar in-nuqqas ta' gwardjani lokali jew uffiċjali oħrajn fil-ħin tal- lezzjonijiet tal-mużew fi Triq Santa Katerina, Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid jekk hux possibbli li jerġa' jkun hemm gwardjani lokali jew uffiċjali oħrajn responsabbli mit-traffiku f'dan il-ħin, biex jiġu evitati inċidenti?

19/10/2023

*	**12542.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Qrati ta’ pajjiżna li sabu li deċiżjonijiet tal-Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid x’inhi t-triq ’il quddiem f’dan ir-rigward u x’inhu l-pjan tal-Gvern?

19/10/2023

*	**12543.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Qrati ta’ pajjiżna li sabu li deċiżjonijiet tal-Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid x’inhi t-triq ’il quddiem f’dan ir-rigward u x’inhu l-pjan tal-Gvern?

19/10/2023

*	**12554.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11668, filwaqt li huwa apprezzat ix-xogħol li jagħmel l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-eżerċizzju importanti taċ-ċensiment, peress li dan huwa eżerċizzju li sar sentejn ilu u ma jerġax isir fil-futur qarib, jista’ l-Ministru jgħid jekk l-informazzjoni mitluba aġġornata sal-lum tistax tinkiseb mir-rekords ta' Identità (eks Identity Malta), u jekk iva, jista’ l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni residenti f'Malta u f’Għawdex sal-aħħar ta’ Settembru 2023 (jew l-iżjed data riċenti li għaliha din l-informazzjoni hija disponibbli)? Jista' jara li din il-figura tinkludi persuni kemm ’il fuq minn 18-il sena u kemm taħt it-18-il sena u kemm dawk ta' nazzjonalità Maltija u barranija, kif ukoll dawk residenti fi djar tal-anzjani (pubbliċi u privati), sptarijiet (pubbliċi u privati), fiċ-ċentri miftuħa, ċentri ta' detenzjoni u fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin? Barra minn hekk jista’ wkoll jaqsam dawn il-figuri skont il-lokalità, f'dan il-format: (Lokalità; Maltin <18-il sena ; Maltin >18-il sena ; Barranin <18-il sena ; Barranin >18-il sena?

19/10/2023

*	**12559.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista’ l-Ministru jgħid meta ser jissewwa l-lift ta' Binja San David, l-Imtarfa, wara li ilu tliet snin ma jaħdimx?

19/10/2023

*	**12560.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-art imsemmija biex fuqha jsir l-isptar tas-saħħa mentali ġdid ġietx trasferita lill-Ministeru għas-Saħħa?

19/10/2023

**12561.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqija parlamentari 11998 u jgħid meta nbniet l-Iskola magħrufa bħala Primarja B tar-Rabat, li tinsab fi Triq Ferris kantuniera ma’ Triq Rudolf Saliba?

19/10/2023

***    12595.    L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT   staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jara li t-traffic lights li jinsabu fi Vjal l-Avjazzjoni, li jintużaw biex mill-Gudja tkun tista' taqsam għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jittranġaw, hekk kif it-tieni set ta' lights tan-naħa tal-Ajruport qed ikunu spiss ma jaħdmux, b'periklu serju għan-nies li jkunu qed jaqsmu hekk kif ikunu ġejjin karozzi u trakkijiet b'veloċità qawwija min-naħa ta' Ħal Far?

20/10/2023

***    12597.    L-ONOR. IVAN CASTILLO    staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid għaliex ingħalaq l-aċċess lill-vetturi min-Naxxar Lions Youth Nursery għall-grawnd tal-futbol f'Giovanni Curmi Higher Secondary School? Jista' jgħid jekk il-Kap tal-Iskola kienx awtorizzat mill-Ministeru biex jagħlaq dan l-aċċess, u jekk iva, għaliex ingħalaq?
Jista' jgħid ukoll jekk hemmx CCTV cameras biex jissorveljaw iż-żona?
Jista' l-Ministru jgħid jekk dan hux qed jikkawża aktar problemi minħabba nuqqas ta' parkeġġ li diġà jeżisti?

20/10/2023

***    12604.    L-ONOR. JULIE ZAHRA    staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid f'idejn min ġie fdat it-tfassil tal-abbozz finali tal-management plan, il-views and vistas analysis u r-reviżjoni tal-buffer zone għas-sit ta' patrimonju dinji tal-UNESCO - il-Belt Valletta, li għal darba oħra reġgħu ġew mitluba mill-UNESCO World Heritage Centre fil-laqgħa li saret fl-Arabja Sawdija ftit tal-ġimgħat ilu? Ġaladarba saret stqarrija pubblika mill-Ministeru tiegħu li l-management plan u analiżi oħra qegħdin fi stadju avvanzat, jista' l-Ministru jagħti garanzija inekwivokabbli lill-poplu Malti u Għawdxi li d-dokumenti kollha mitluba mill-UNESCO World Heritage Centre (b'referenza għas-sit ta' patrimonju dinji tal-UNESCO - il-Belt Valletta) ser ikunu konklużi u sottomessi sal-aħħar tal-2024 u li jilħqu l-istandards internazzjonali meħtiega mill-UNESCO World Heritage Centre?

20/10/2023

***    12605.    L-ONOR. JULIE ZAHRA    staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa l-20 anniversarju ta' Heritage Malta li sar ftit tal-ġimgħat ilu u jagħti rendikont sħiħ tan-nefqa għal dan l-avveniment?

20/10/2023

***    12606.    L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT   staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-tender documents kollha, ta' kull stadju tal-proġett tal-Waste-to-Energy facility imħabbar għall-Magħtab?

20/10/2023

***　12607.　L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tispeċifika eżatt meta l-Wasteserv tgħid li l-faċilità Waste-to-Energy fil-Magħtab "will be processing 192,000 tonnes of non-recyclable waste per year", x'inhi d-definizzjoni tagħha ta' "non-recyclable waste"?

20/10/2023

## MOZZJONIJIET

**177. ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA, L-ONOR. CHRIS FEARNE, jipproponi:**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2024 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - Interruzzjoni ta' xogħol;

Illi d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi – jew minn xi riżoluzzjonijiet oħra; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra:

(l) jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, wara nofsinhar, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u
(2) l-aġġornament ma jitteħidx.

16.10.2023

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

1. Abbozz Nru 71 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali – Tieni Qari – Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

2. Abbozz Nru 65 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

3. Abbozz Nru 66 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

4. Abbozz Nru 67 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

5. Abbozz Nru 68 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

6. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

7. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

8. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

9. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

10. Abbozz Nru 64 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**23 ta' Ottubru 2023**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa' nhar it**-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023, fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Ministru għall-Ġustizzja; u
3. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Ministru għall-Ġustizzja.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023, fil-5.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni u approvazzjoni tar-rapport maħruġ mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja intitolat 'Rapport dwar l-Inflazzjoni';
3. Suġġetti li għandhom jiġu diskussi mill-Kumitat; u
4. Affarijiet Oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023, fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Partial Review of the Cemeteries Policy and Design Guidance 2015; Policy and Design Guidance for the development of standalone Crematoria – revised draft policy.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023, fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali 2022 maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal; u
3. Affarijiet Oħra.

## KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

L-Onor. Glenn Bedingfield, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, javża li l-Kumitat se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023, fl-4:30 p.m** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Laqgħa mal-missjonijiet diplomatiċi Għarab ġewwa Malta dwar is-sitwazzjoni fil-Palestina; u
3. Affarijiet Oħra.

## KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 31 ta' Ottubru, 2023 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, b'din l-aġenda :

1. Konferma tal-Minuti;
2. Estensjoni tat-terminu taċ-ċens temporanju oriġinali u rrinunzja parzjali – Housing Authority u Malita Investments plc.

## KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 63 – Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali
Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza
Abbozz Nru 70 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Abbozz Nru 69 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani – Ministru għall-Anzjanità Attiva

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**23 ta' Ottubru 2023**